MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 42/2007/1

**Lilian Puglisevich**

**vs**

**Kunsill Lokali Naxxar**
**u Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Lulju, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal:
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta` Jannar, 2007, fejn intalab li l-konvenuti jew min minnhom ghandhom jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' elf u tmienja u sebghin lira Maltija (Lm1,078), llum ekwivalenti ghal Euro2,511.06c, rapprezentanti valur ta` danni kawzati bhala telf

ta` bejgh li garbet l-attrici fin-negozju taghha minhabba dewmien bla qies fil-ftuh tat-triq Parish Street, Naxxar minn l-1 ta` Settembru sas-17 ta` Novembru, 2006 meta x-xogholijiet fl-istess triq kellhom jigu terminati fl-ahhar ta` Awissu 2006.

Ra r-risposta prezentata mill-Kunsill konvenut ikkontesta t-talbiet attrici fis-sens li kien qed jinnega kwalsiasi tip ta` responsabilita` ghad-danni reklamati u li fil-fatt il-Kunsill ghamel minn kollox sabiex jigi facilitat l-access ghal dan il-hanut li seta` jintlahaq kemm bir-rigel u kif ukoll bil-vettura minn triq ohra cioe` minn triq in-Nutar Manwel Debono.

Illi barra minhekk il-Kunsill kien responsabbli biss ghal manutenzjoni ta` wicc it-triq u li d-dewmien gara minhabba xogholijiet ezegwiti taht wicc l-istess triq.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta datata 9 ta` Frar, 2007 fejn affermat li ma kinietx responsabbli ghal dewmien u ghalhekk it-talbiet attrici kellhom jigu respinti fil-konfront taghha.

*Salve* eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli konsulent legali tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi skond ittra mibghuta mill-Kunsill Lokali datata 6 ta` Lulju, 2006, huwa nformaw lir-residenti u kummercjanti ta` triq il-Parocca li x-xoghol f'din it-triq kien ser jinbeda fis-17 ta` Lulju, 2006 u jitlesta fi zmien sitt gimghat u sa mhux aktar tard mill-31 ta` Awissu, 2006. Skond din l-ittra li tinsab ezebita

a fol. 13 tal-process, ix-xoghol mahsub kien jinkludi 1. Tibdil fis-sistema tad-drenagg, 2. rikostruzzjoni tat-triq 3. Tibdil fil-konessjonijiet ta` l-ilma u 4. rikostruzzjoni tal-bankini. Dan ix-xoghol kollu kien qed jigi nkarigat u kwindi assunt mill-istess Kunsill u ghalhekk kuntrarjament ghal dak minnu allegat fir-riposta tieghu, ma hux minnu li l-Kunsill kien responsabbli biss u limitatament ghal wicc tat-triq.

Illi rrizulta b'mod pacifiku li t-triq fil-fatt regghet infethet lejn nofs Novembru, 2006 u certament mhux fl-ahhar ta` Awissu, 2006. Illi rrizulta car ukoll mill-provi prodotti li x-xoghol kollu nkluz dak ta` l-ilma, drenagg, bankini u surfacing tat-triq gie ezegwit mill-Kuntrattur imqabbad mill-Kunsill konvenut. Illi ghalkemm iz-zewg konvenuti jammettu li kien hemm dewmien aktar milli previst fit-tlestija tax-xogholijiet, it-tnejn li huma qed jinnegaw xi responsabbilita` ghal tali dewmien.

L-attrici qieghedha tippretendi hlas ta` telf ta` qliegh limitatament ghal dawk ix-xahrejn u nofs in eccess taz-zmien mahsub ghal ftuh tat-triq u mhux ghal perjodu kollu kemm damet maghluqa din it-triq. Bint l-attrici li zzomm il-kotba tan-negozju xehdet bil-gurament waslet ghac-cifra mitluba f'din il-kawza meta paragonat mas-sena precedenti. Dan ix-xhud ipprezenta diversi dokumenti in sostenn ta` dan il-kalkolu ta` telf maghmul f'dak il-perjodu Dok. KP1 sa KP6 mnejn jirrizulta li filwaqt li fis-sena 2005 kien sar qliegh ta` cirka Lm1,500 fis-sena 2006 kien hemm telf ta` cirka Lm248 u dana kif spjegat ahjar fil-prospett Dok. KP7. Dan ix-xhud jikkonferma illi ghakemm huwa minnu li dan in-negozju seta` kien accessibbli minn triq ohra minn naha ta` wara pero` xorta wahda kien hemm problema ta` parkegg filwaqt li fit-triq principali l-access kien anke difficli biex timxi bir-rigel.

Illi permezz ta` fax datata 16 ta` Novembru, 2005 (Dok. JG2) ghandu jirrizulta li l-Korporazzjoni konvenuta assumiet l-ispejjez kollha tax-xogholijiet li kienu ser jigu ezegwiti fit-triq in kwistjoni. Difatti nharget mill-istess Korporazzjoni konvenuta l-ordni relattiva tax-xogholijiet lill-Kuntrattur datata 30 ta` Novembru, 2005 (Dok. PG1) u ordni ohra ghal xogholijiet ta` drenagg datata 13 ta` April, 2006 (Dok. PG2). Permezz ta` ittra ohra datata 23 ta` Awissu, 2006 (Dok. PG3) mibghuta lill-Kuntrattur mill-Korporazzjoni konvenuta jirrizulta li n-natura tax-xogholijiet f'din it-triq gew estizi mhux hazin tant illi l-valur ta` l-istess irdoppja. Illi hareg evidenti li mill-bidu nett ix-xogholijiet mahsuba ma kienux semplicement u limitatament ghal resurfacing tat-triq izda kellhom jigu ezegwiti wkoll dawk ix-xogholijiet kollha mehtiega u opportuni li kienu jafu gia` li ser jirrizulta ghal dawk konnessi taht il-wicc tat-triq bhal komunikazzjoni ta` l-ilma u sistema tad-drenagg apparti l-formazzjoni mill-gdid tal-bankini. Dan jikkuntrasta sew ma` dak li xehed fuqha Paul Gatt is-segretarju tal-Kunsill fejn afferma li l-intenzjoni kienet wahda biss ta` semplici resurfacing ta` wicc it-triq u mhux rikostruzzjoni mill-gdid tat-triq. Huwa jallega li x-xogholijiet evenwalment ezegwiti f'din it-triq saru aktar estensivi minn dak mahsub u ppjanat mill-Kunsill minhabba l-ezigenzi tal-Korporazzjoni konvenuta u mhux da parti tal-Kunsill u dana peress li skond hu l-pipijiet kienu ghaddejjin wisq fil-wicc tat-triq u kwindi dawn kellhom jitqieghdu aktar 'l isfel. Barra minhekk jistqarr ukoll li l-hanut ta` l-attrici kien jnsab f'kantuniera u kwindi kien hemm access ghalih minn triq ohra apparti l-fatt li t-triq kienet inghalqet fi fazijiet u ghalhekk mhux tul il-perjodu kollu kienet tinsab maghluqa. In kontro-ezami pero` jammetti li t-triq alternattiva ta` access li semma fl-ezami tieghu kienet wahda li ma tinfidx u ghalhekk il-flow tat-traffiku ma kienx ser jigi ddevjat ghal din it-triq. Jistqarr ukoll li meta l-Kunsill ikkommetta ruhu mad-data tal-31 ta` Awissu, huwa kien konxju tan-natura ta`

xogholijiet li kienu ser isiru mill-Water Services ghalkemm ma kienux konsapevoli tax-xogholijiet kollha. Jistqarr ukoll pero` li lill-parruccjani ma kienux informawhom li kien ser ikun hemm xi dewmien fit-tlestija tax-xogholijiet aktar milli kien previst u pre-avzati.

Joe Curmi engineer mal-Korporazzjoni konvenuta ighid li l-Korporazzjoni hadet vantagg mix-xogholijiet li kien bihsiebu jaghmel il-Kunsill fit-triq in kwistjoni sabiex jibdel is-sistema tad-drains u drenagg li kienu jafu li kienu difettuzi. Ix-xoghol kollu ta` supervizjoni mill-lat tekniku cioe` fuq pajpijiet u drenagg sehh mill-Korporazzjoni filwaqt il-project management cioe` is-supervizjoni b'mod generali tal-progett kien f'idejn il-Kunsill. Huwa jallega li tul il-kors tax-xogholijiet ma kienu rriskontraw ebda problema partikolari – x-xoghol dam sejjer b’rittmu normali. L-istess haga jghid Joseph Gregoraci opertaions manager mal-Korporazzjoni konvenuta cioe` li ma kien hemm ebda dewmien partikolari u ma rriskontraw ebda problema. In kontro-ezami pero` jammetti li x-xoghol tal-bdil tal-mains ta` l-ilma nholqot wara li nkixfet it-triq peress li dawn kienu ghaddejjin wisq fil-wicc. Ma setax iwiegeb jekk din affettwatx it-time frame pero` jghid ukoll li diin id-decizjoni kienet ittiehdet fil-bidu nett tax-xoghol. Ighid ukoll pero` li tali decizjoni setghet tawlet ix-xoghol b’gimghatejn, tlieta pero` certament mhux b’xahrejn u nofs kemm fil-fatt kien ir-ritard.

Illi ma hemmx dubbju ghalhekk li n-negozju ta` l-attrici sofriet minn telf finanzjarju minhabba l-gheluq tat-triq principali. Anzi l-istess attrici kienet konservattiva ferm fit-talba taghha fis-sens li l-pretenzjoni taghha kienet limitata biss ghal dak il-perjodu in eccess taz-zmien originarjament mahsub. Illi l-konteggi maghmula mill-attrici fil-kostatazzjoni tat-telf taghha in sostanza ma giex kontestat minn ebda wiehed mill-konvenuti u t-

Tribunal ma jsibx ebda prova kontrarja li tista` b'xi mod titfa xi dubbju fuq l-istess.

Illi dwar il-kwistjoni ta` responsabbilita`, iz-zewg konvenuti jipprovaw jitfghu htija fuq xulxin. Il-kunsill Lokali, qua d-delegat tal-Gvern centrali fuq dik il-lokalita` ghandu jassumi r-responsabbilita` tal-progett b'mod generali in vista tal-fatt li x-xogholijiet kienu originarjament ippjanati minnu, ix-xoghol tat-triq kien jaqa` taht ir-responsabbilita` tieghu u b'mod generali l-kunsill ghandu jigi tenut responsabbli ta` tali xoghol li jsir fil-gurisdizzjoni tieghu. Mill-Banda l-ohra, il-Korporazzjoni konvenuta ghandha tigi wkoll ritenuta responsabbli peress illi l-maggior parti tax-xogholijiet kienu jinvolvu lill-istess Korporazzjoni tant li l-ispejjez relattivi gew assunti minnha stess u kif ukoll jidher mid-dokumenti ezebiti li l-ordnijiet relattivi gew indirizzati lill-Kuntrattur direttament mill-istess Korporazzjoni konvenuta. Iz-zewg entitajiet pubblici ghandhom l-obbligu li l-awtorita` taghhom tigi ezercitata fil-qies li jmiss u bid-diligenza ta` *bonus pater familias.* Illi fil-kaz in ezami, t-Tribunal isib li z-zewg entitajiet pubblici ghandhom iwiegbu ghal tali dewmien zejjed in vista tal-fatt li dan sehh unikament minhabba nuqqas ta` ppjanar adoperat minnhom it-tnejn kif ukoll nuqqas ta` koordinazzjoni bejniethom dwar sewwa sew l-konsistenza u l-entita totali tax-xogholijiet li kienu mehtiega fit-triq in kwistjoni la darba kienet ser tigi resurfaced. Illi din il-linja ta` hsieb dwar ir-responsabbilita` ta` entitajiet pubblici tohrog bic-car u tinsab konfortata fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 16 ta` Jannar, 2003 fil-kawza fl-ismijiet Fiorino d'Oro Co. Ltd vs Direttur tat-Toroq. (Cit nru 1781/2001 TM).

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jacta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonjiet kollha sollevati mill-Kunsill u Korporazzjoni konvenuti, kwindi jiddikjara li z-zewg konvenuti

> huma responsabbli in solidum ghad-danni sofferti mill-attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu lill-attrici l-ammont minnha mitlub fis-somma ta` Euro 2,511.06c, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess zewg konvenuti solidalment bejniethom."

Bl-appell tieghu fil-konfront ta' din is-sentenza l-Kunsill Lokali Naxxar jissottometti b'aggravji dan li gej:-

(1) Ma jezisti ebda ness bejn ix-xoghlijiet kondotti minnu u d-dannu allegatament subit mill-attrici;
(2) Konsegwentement, hu ma kellux jinstab responsabbli lanqas solidalment;

Il-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma appellat incidentalment b'dawn l-obbjezzjonijiet:-

(1) Kwantu ghall-ammont ta' danni kien hemm inkonsistenza bejn ix-xhieda ta' l-attrici u dik ta' bintha. L-ammont tad-differenza fil-bejgh li l-attrici tghid li sofriet inghata lilha mit-Tribunal bhala differenza fil-qliegh;
(2) La ma kienetx hi li ntrabtet bid-data tat-tlestija tax-xoghlijiet, l-ebda responsabilita` ma kellha tigi addebitata lilha;

Hi disposizzjoni espressa tal-Kodici Civili fl-Artikolu 1031 illi "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". Ma' dan il-principju huma abbinati d-disposizzjonijiet sussegwenti 1032 u 1033. Proprju dan ta' l-ahhar jintroduci fit-tematika l-att jew l-ommissjoni li permezz tieghu dak li jkun jikser xi dmir impost mil-ligi, liema att jew ommissjoni jaghtu lok ghad-dannu rizarcibbli;

Dan premess, hu principju illi fil-presenza ta’ pluralita` ta’ atti jew ta’ ommissjonijiet kolpuzi li jsiru fl-istess zmien u huma imputabbli lil persuni diversi, kull wiehed mill-awturi ta’ dawn l-istess atti jew ommissjonijiet jirrispondi ghall-event dannuz rizultanti. Dan ghal motiv illi in linea ta’ massima generali kull att jew ommissjoni bhal dak igorr mieghu efficjenza kawzativa tad-dannu jekk ikun iddetermina qaghda li, minghajr il-wiehed jew l-iehor, l-event ma kienx isehh. Tali principju, pero`, jsib it-temperament tieghu mill-principju l-iehor ta’ l-attribuzzjoni esklussiva tad-dannu derivanti minn xi kondotta partikulari. F’kaz bhal dan l-kawzalita` efficjenti tirrendi guridikament irrilevanti l-kawzi l-ohra pre-ezistenti u ghall-event dannuz jwiegeb biss l-awtur ta’ l-att jew ta’ l-ommissjoni li jkun effettivament ipproducih;

Wisq ragonevolment, l-accertament ta’ dan in-ness ta’ kawzalita hu rizervat lit-tribunal adit mill-mertu. Fuq dan il-punt, fil-kaz prezenti it-Tribunal ghamel il-valutazzjoni tieghu ta’ l-elementi kollha tal-fattispeci u sab, fuq il-gudizzju tieghu, illi n-ness kawzali fil-produzzjoni ta’ l-event tad-dannu subit mill-attrici hu attribwibbli lill-kondotta kolpuza taz-zewg konvenuti;

Bazikament, it-Tribunal ghamel dawn id-deduzzjonijiet:-

(1) Ix-xoghlijiet ippjanati mill-Kunsill li kellhom isiru fit-Triq il-Parrocca, in-Naxxar ma kienux limitati ghal *resurfacing* izda kienu aktar estensivi minhabba esigenzi tal-Korporazzjoni konvenuta;

(2) Bhala delegat tal-Gvern il-Kunsill ghandu jassumi r-responsabilita` tal-progett b’mod generali ghaliex ix-xoghlijiet fit-triq kienu ppjanati minnu u kienu jaqghu fil-gurisdizzjoni tieghu;

(3) Il-Korporazzjoni hi wkoll responsabbli ghaliex il-maggjor parti tax-xoghlijiet li saru kienu jinvolvu lilha;

(4) Konsegwentement, it-Tribunal irraguna, illi z-zewg konvenuti kellhom jitqiesu solidalment fi htija ghad-dannu lesiv ipprokurat lill-attrici;

Din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi attendibbli ma thossx li tista' taqbel ma' l-espressjoni ta' fehma tat-Tribunal fejn dan sab htija fil-Kunsill appellanti. Fir-rigward taghmel il-konsiderazzjonijiet li jsegwu:-

(1) Skond il-precett ta' l-Artikolu 33 (1) (a) ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kapitolu 363) fost il-funzjonijiet tal-Kunsill hemm dak li jipprovdi ghal manutenzjoni tat-triq u mhux ukoll ghar-rikostruzzjoni taghha;

(2) Fil-kaz partikolari l-Kunsill ried jaghmel *re-surfacing* tat-Triq il-Parrocca u b'dan il-fatt, kif inkombenti fuqu, hu ghadda biex informa lill-entitajiet responsabbli. Fosthom allura lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma. Din il-Korporazzjoni hadet, fi kliem l-Inginjier Joe Curmi, l-opportunita` li tibdel id-*drain* tad-drenagg li kien difettuz. Iddecediet ukoll skond ma ddikjara Joseph Gregoraci, Operations Manager ta' l-istess Korporazzjoni illi tibdel zewg *mains* antiki ta' l-ilma. Jidher li kien fuq il-bazi ta' din l-informazzjoni illi l-Kunsill permezz tas-Segretarju Ezekuttiv tieghu ghadda biex b'ittra tas-6 ta' Lulju, 2006 nforma lir-residenti u l-utenti tal-hwienet tat-triq illi kien hemm il-htiega tar-rikostruzzjoni tat-triq u tal-bankini u tat-tibdil fis-sistema tad-drenagg u fil-konnessjonijiet ta' l-ilma. Huwa avzahom ukoll illi d-durata ta' l-istess xoghlijiet kien dak ta' sitt gimghat li jintemmu fil-31 ta' Awissu, 2006. Sa hawn, fil-hsieb tal-Qorti, ma jidherx li l-Kunsill naqas li jsegwi l-prattika uzwali f'kazijiet ta' din ix-xorta. Huwa qaghad fuq il-progettazzjoni mfassla mill-Korporazzjoni f'dak il-mument u ghadda biex ta bidu, permezz tal-kuntrattur prexxelt, ghall-istess xoghlijiet progettati skond dak it-*time frame*. Ta' min jirrileva hawn illi skond ix-xhud l-Inginjier Joe Curmi is-supervizjoni teknika tax-xoghlijiet kienet f'idejn il-Korporazzjoni;

(3) Li gara kien illi fil-kors tax-xoghlijiet l-Korporazzjoni hadet id-decizjoni li tiffonda l-*mains* ta' l-

ilma ghax skopriet li dawn kienu wisq fil-wicc tat-triq. Ghalhekk fit-23 ta' Awissu, 2006 kitbet lill-kuntrattur inkarigat mix-xoghlijiet biex taghrfu illi l-istima originali progettata kienet se tizdied "*due to the fact that in this site the WSC now needs to lay an additional 600 metres of pipes inclusive of 73 reconnecting services in the same street as per amended site plan*". Din il-Qorti tistqarr li ssibha difficli li tacceta illi Korporazzjoni serja ma jkollhiex pjanti ghad-disposizzjoni taghha li juru l-perkors tas-sistema tal-*mains* ta' l-ilma u f'liema livell tat-triq l-istess huma sitwati. Dan qed jigi rilevat ghaliex jekk tali taghrif kien disponibbli ghaliha minn qabel ma nbdew ix-xoghlijiet hi setghet tiprogetta ahjar u tiddeciedi wkoll liema xoghlijiet kienu necessarji li jsiru u b'dan tinforma lill-Kunsill *a tempo debito*. Jekk xejn, biex dan ikun f'qaghda li jinforma minn qabel lir-residenti u lill-utenti dwar id-durata ta' l-inkonvenjent bl-gheluq tat-triq;

(4) Ma huwiex accettabbli l-argoment tal-Korporazzjoni illi kien il-Kunsill li ntrabat bid-data tal-finalizzazzjoni tax-xoghlijiet. Jekk kien hekk, dan gara ghaliex kienet l-istess Korporazzjoni li inizzjalment informatu, u wkoll lill-kuntrattur kommissjonat, liema kienu dawk ix-xoghlijiet li originarjament kienu decizi li jsiru skond l-istejjem approvati minnha stess. Il-progett ta' dawn l-istess xoghlijiet ma kienx f'idejn il-Kunsill izda fid-disposizzjoni esklussiva u l-ippjanar tal-Korporazzjoni;

(5) In tema legali jikkostitwixxi principju ben assodat illi fl-ezercizzju tal-funzjonijiet u ta' l-attivitajiet taghha enti pubblika hi tenuta tosserva l-limiti imposti mill-principji *neminen laedere.* Jinzel minn dan illi meta tkun tirrizulta lezjoni ta' interess legittimu jew ta' dritt soggettiv jew, del resto, ta' kull interess iehor, guridikament rilevanti, tali hu fonti ta' responsabilita` akwiljana u jaghti lok ghar-rizarciment ta' dannu jekk jinstab li d-danneggjament ikun ingieb fis-sehh b'effett ta' attivita ta' l-amministrazzjoni pubblika. Mhux eskluz li l-kolpa f'kazijiet konsimili hi konfigurabbli anke f'dawk il-qaghdiet fejn jirrizulta nuqqas ta' dik l-amministrazzjoni tajba ghal liema kull enti suppost li ghandha taspira ruhha;

Avolja ma qametx kontestazzjoni f'dan il-kaz, ma jkunx inopportun illi *en passant* jigi rimarkat illi fl-insorgenza ta' xi kwestjoni bejn il-privat u l-enti pubblika l-investigazzjoni dwarha tikkomprendi b'necessita l-verifika jekk l-interess socjali ta' l-enti ghandux gustifikazzjoni meta mqabbel mas-sagrificcju ta' l-interess tas-soggett danneggjat. Dan fil-kaz fejn it-tutela akwiljana, minbarra s'intendi l-kazijiet tradizzjonali rikonoxxuti, tahseb ghall-protezzjoni ta' certi fattispeci singolari ta' danni. Mhux l-anqas l-aspettattivi, l-inizzjattivi ekonomici u certi sitwazzjonijiet ta' fatt li jistghu jikkostitwixxu oggett ta' harsien anke rizarcitorju;

Determinat mill-Qorti illi n-ness kawzali kien f'dan il-kaz jemergi mill-kondotta tal-Korporazzjoni, kostitwita minn previzjoni zbaljata jew inkompleta tax-xoghlijiet li kienu jehtiegu li jsiru, jikkompeti issa lil din il-Qorti li tezamina l-ilment ta' l-istess Korporazzjoni relattiv ghall-konsistenza u l-entita tad-danni pretizi mill-attrici, u accettati mit-Tribunal;

Jibda biex jigi osservat, b'ripetizzjoni, illi "naturalment mhux bizzejjed li tigi konstatata l-htija imma hu mehtieg ukoll li jigi stabbilit li dik il-htija kkagunat dannu attwali u valutabbli u pruvat b'mod cert" ("**George Thomas Davison -vs- Joseph Azzopardi *nomine***", Appell Kummercjali, 2 ta' Marzu, 1962). Fil-kaz prezenti l-attrici tikkontendi illi minhabba d-dewmien fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet hi sofriet telf ta' elf lira (Lm1000) *f'sales*. Skond bintha Kelly Puglisevich mill-komparazzjoni mas-sena precedenti d-differenza fis-*sales* kienet ta' elf u tmienja u sebghin lira (Lm1087). Huwa dan l-ahhar ammont li l-attrici qed titlob bil-kawza promossa minnha;

Fil-hsieb tal-Qorti t-Tribunal zbalja meta accetta talba b'dik is-somma. Ibda biex, l-istess attrici ghamlitha cara fid-deposizzjoni taghha illi dak it-telf ma kienx wiehed ta' qliegh imma ta' *sales*. Jikkonsegwi minn dan illi dak l-ammont ma kienx id-dannu attwali u cert soffert minnha.

It-telf reali tal-qligh mhux maghruf imma jekk wiehed kellu joqghod ghal Profit & Loss Account esebit mix-xhud Kelly Puglisevich a fol. 22 tal-process, manifestanti l-qliegh fis-sena precedenti (2005) ghal sena shiha – elf hames mija u wiehed u hamsin lira (Lm1551) b'kollox – huwa ferm improbabbli li l-attrici kellha ghal perjodu mill-1 ta' Settembru, 2006 sas-17 ta' Novembru, 2006 bhala telf ta' qliegh is-somma minnha reklamata. Fuq il-kalkolu tal-Qorti valutabbli ghab-bazi ta' dak l-istess Profit & Loss Account dak it-telf ma kellux jeccedi s-somma ta' erba' mitt lira (Lm400). Hija din is-somma li ser tigi likwidata bhala rapprezentativa tad-danni attwalment subiti mill-attrici appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda fl-ewwel lok tilqa' l-appell principali tal-Kunsill konvenut u f'dan is-sens tirrevoka s-sentenza appellata fil-konfront tieghu. Fit-tieni lok tilqa' *in parte* l-appell incidentali tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma billi tvarja l-ammont tad-danni u tirreducih ghas-somma ta' erba' mitt Lira Maltija (Lm400) ossija disa' mija wiehed u tletin euro, hamsa u sebghin centezmu (€931.75). Mill-kumplament, is-sentenza tat-Tribunal *di fronte* ghall-imsemmija Korporazzjoni biss qed tigi konfermata. L-ispejjez ta' l-appell principali u dawk ta' l-ewwel istanza *di fronte* ghal Kunsill appellant jitbatew mill-attrici appellata. Dawk ta' l-appell incidentali jitbatew mill-attrici u mill-Korporazzjoni skond ir-rebh u t-telf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------